MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 681/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**

**vs**

**Wings Travel Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata it-tletin (30) ta' Novembru, 2004 (Dok "A"), notifikata lis-socjeta' intimata fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 2004, s-socjeta' rikorrenti irrendiet esegwibbli skond l-Artikolu 256 (2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo datat il-hdax (11) ta' April, 2002, (Dok "B"), fejn is-socjeta' intimata ikkostitwiet

ruhha debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija tlieta u hamsin elf, sitt mija u seba u disghin euro u erba' u erbghin cent (€153, 697.44) oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ikkalkolati mill-11 ta' April 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

1. Illi sal-lum dan il-kreditu ghadu ma thallasx kollu u ghalhekk l-esponent ghandu interess illi jerga jirrendih esekuttiv.

2. Illi s-socjeta' intimata, wara diversi riduzzjonijiet maghmula f'okkazjonijiet precedenti baqghet debitrici tas-socjeta' rikorrenti u ghaddew izjed minn tlett snin mid-data li fiha l-istess kuntratt ta' konstituzzjoni tad-debitu gie res titolu esekuttiv u s-socjeta' rikorrenti qieghda titlob l-awtorizazzjoni skond l-Artikolu 258 tal-istess Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob, previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, li jigi awtorizzat jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titlu esekuttiv fuq imsemmi ghal bilanc dovut anki minghajr ma tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn gie sottomess:-

Illi kif diga' gie sottolinejat fl-atti tas-subbata numru 83/2006 fl-istess ismijiet, l-HSBC Bank Malta plc bil-propjeta mehuda minnu bil-proceduri tas-subbasta thallas ferm aktar minn dak dovut mill-esponenti billi l-proprjeta' kollha mehuda mill-bank *animo compensandi* kienet stmata mill-perit Alan Saliba li ghandha valur totali ta' LM 234,000, cjoe d-doppju ta' l-ammont li kellu jiehu l-bank.

Illi f'kull kaz, apparti l-proceduri fis-subbasta, l-esponenti u l-garanti fl-istess debitu ghamlu pagamenti li jissuperaw l-ammont dovut lill-bank rikorrent. L-esponenti qeghda tesebixxi statement ta' dawn il-pagamenti bil-valuri *at face value*, u anke jekk il-valuri reali huma ferm izjed. L-

esponenti kien sahansitra ghamel offerta ta' bejgh reali kollox dokumentat liema offerta l-bank irrifjuta biex seta' jakkwista l-istess proprjeta' b' valur bir-ribass ferm inferjuri ghall-offerta.

Il-bank qieghed juza l-pozizzjoni ta' dominanza tieghu fis-suq biex litteralment jiehu b'xejn proprjeta' ta' valur u minn fuq jippretendi li fadallu jiehu. Dan jikkostitwixxi abbuz ta' dritt sanzjonabbli gudizzjarjament.

Semghet ix-xhud prodott mill-bank attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Mill-provi prodotti t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw gustifikati.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-bank attur.

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------